# Il-Ħajja ta' Karlu Darmanin (1825- 1909)

Karlu Darmanin, imlaqqam Karlozzu, twieled fil-belt antika bi storja kbira, l-Isla, fit-30 t'Awwissu 1825 minn Ġużeppi u Maria neè/ Cumbo u kien it-tnax -il wild tal-familja. Huma żżewġu fil-Knisja ta' San Pawl Nawfragu, il-Belt Valletta, fit-13 ta' Lulju 1807.

Twieled propju f'dar li kienet iġġib in-numri 174,175 u 176 fi Triq ir-Rebħa. Din il-binja waqgħet fi żmien it-Tieni Gwerra u llum hemm il-pjazza fejn jiltaqgħu l-karrozzi tal-linja. Karlu kellu 12 -il aħwa li kien jisimhom Emanuela, Vincenz, Salvatore, Maria, Mikiel, Carmela, Giovanni Pawlu magħruf bħala Ġanni u Beatrice. Dawn twieldu l-Belt Valletta fejn kienu joqgħodu numru 45, Strada Levante. Il-familja ta' Ġużeppi u Maria Darmanin marru joqgħodu l-Isla u f'din il-belt ewlenija tal-Kottonera twieldu Filippu, Pietru Pawl, Maria Carmela, Karlu u Maria Madalena.

## Il-Magħmudija

Il-Kanonku dekan, Dun Fortunat Costu għammed lill-Karlu ġewwa l-knisja tal-Isla li aktar tard fit-3 ta' Jannar 1921 saret bażilika. Dun Fortunat kien il-Viċi Parrokku tal-Arċipriet Dun Leopoldu Fiteni.

Il-parrinijiet tiegħu kienu z-ziju tiegħu, li kien jiġi hu ommu, Vincenzo Cumbo u Marija Farrugia, mart Karlu Farrugia, li ħafna jaħsbu li kien jiġi sekond kuġin t'ommu li kienu mill-Belt Valletta. Karlu kien l-aħħar wild tal-familja ta' Ġużeppi u Marija Darmanin.

Naħsbu li ngħata l-isem ta' Karlu b'rispett lejn ir-raġel tal-parrina tiegħu, Marija. Bħala statura, Karlu kien raġel twil u sabiħ. Kif kienet il-moda dawk iż-żminijiet, Karlu kien iżomm leħja twila kif ukoll xagħar twil.

## Mara Skoċċiża

Ta' 23 sena, fis-27 ta' Frar 1848, Karlu Darmanin ingħaqad fis-sagrament taż-żwieġ ma' mara Skoċċiża li kien jisimha Annette Ready, xbejba li kien għad kellha ħmistax -il sena. Missier Anette kien jismu John u ommha kien jisimha Eleonora Byene. Annette twieldet fir-raħal ta' Ħal Għaxaq fl-1833.




Kienet familja Kattolika. Fil-fatt Annette kienet mgħammda fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Għaxaq. Karlu u Annette żżewwġu fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Għaxaq fis-27 ta' Frar 1848. Iċ-ċelebrant taż-żwieġ kien Dun Ġużepp Depasquale. Grezzju Galea kien ix-xhud.

Minn dan iż-żwieġ twieldu sittax -il membru ta' din il-familja u kollha tgħammdu l-Isla.

## Il-Kumpanija tal-familja

Il-familja Darmanin għammru fl-Isla u kienu joqgħodu fi Triq il-Vitorja. Hawnhekk missier Karlu, li kien marmista u statwarju, kellu l-ħanut tax-xogħol tiegħu. Aktar il-quddiem meta t-tfal tiegħu kibru, Ġużeppi Darmanin waqqaf kumpanija bl-isem *Giuseppe Damrmanin u Figli* fejn kien ukoll jimporta hu stess il-granit u l-irħam. F'din l-azjenda privata ħadmu ħafna mit-tfal tiegħu.

Kienu jipproduċu monumenti, altari, statwi tal-irħam, oqbra, kolonni, balavostri, fontijiet tal-magħmudija, lapidi u pavimentar kemm għall-knejjes kif ukoll għall-Gvern Ingliż. Biss bħala xogħol ma kinux jaħdmu biss xogħol tal-irħam imma wkoll xogħol ieħor fil-kartapesta. Għadda ż-żmien u Karlu fetaħ il-kumpanija tiegħu bl-isem *Carlo Darmanin e Figlio*. Fost ix-xogħolijiet li ħadem insibu monument tal-vapur Orlando li jinsab ħdejn il-bieb tad-dħul tal-Barrakka ta' Fuq, il-plakka bl-ismijiet tal-Granmastri tal-Ordni ta' San Ġwann fil-Palazz tal-President u diversi xogħolijiet oħra ġewwa l-Knisja tal-Mosta, Ħal Għaxaq u fil-Bażilika ta' Sant' Elena ġewwa Birkirkara.

## Il-Mudelli ta' Darmanin

Karlu kien ħaddiem li kien jaf jistma tajjeb is-sengħa tiegħu. Kien dejjem jitħallas tajjeb għax-xogħolijiet li kien jaħdem.

Biss jidher sewwa li n-nies ma kinitx tiddejjaq tħallas flus tajba għal xogħolijiet tiegħu.

Żgur li l-flus ma kienux problema għax Karlu għax kien dejjem fgat fix-xogħol. Ħutu ħaddnu l-istess sengħa u jidher li ngħaqqdu ma'ħuhom biex hekk setgħu jgħinuh f'xogħolijiet li kienu waqgħu lura.

Karlu ħadem ħafna xogħolijiet u hu msejjaħ jew aħjar imlaqqam il-Prinċep tal-Istatwarji Maltin.

Nafu fiż-żgur li oħtu Maria kienet timmudella biex fuqha jinħadmu statwi u figuri ta' persunaġġi nisa msemmija fil-kotba Mqaddsa kif ukoll ta' qaddisin. Martu wkoll kienet mudella waqt li anki hu stess kien jagħmilha ta' mudell għal xogħlijiet tiegħu stess.

## It-teknika tal-artist

Darmanin kien jagħti importanza l-aktar fuq l-aspett devozzjonali tal-figura u kien jevita l-pożi teatrali tal-Barokk kemm jista' jkun. Hu kien jaħdem il-kartapesta



bil-mod tradizzjonali Malti. Dan isir billi l-ewwel, l-istatwarju jaħdem il-figura biċċa biċċa bit-tafal u wara jdaħħal pjanċi rqaq fit-tafal biex jissepara l-parti ta' quddiem minn ta' wara tal-biċċa partikolari li jkun

qed jaħdem. Wara li jitlesta dan il-proċess, jintefa' l-ġibs fuq it-tafal sabiex tinħoloq il-forma li, wara li tinxef u l-istatwarju jaqla' l-biċċiet ta' wara u ta' quddiem u jneħħi t-tafal minnha, tkun lesta biex titpoġġa l-karapesta fiha. Il-kartapesta issir



bil-karti imħakka fini li jiġu mxarrba minn qabel sakemm isiru qishom sustanza semi-solida. Din titpoġġa fuq il-forma tal-ġibs sakemm tinxef u ssir qisha kartuna iebsa.

Wara li titlesta l-kartapesta, l-artist jibda jgħaqqad iż-żewġ biċċiet ta' kull parti tal-korp flimkien sakemm jifforma l-pożizzjoni tal-figura. Wara dan il-proċess, l-artist jibda jlibbes u joħroġ il-piegi mixtieqa permezz ta' xkejjer li jkunu ingħataw kisja ta' kolla u ġibs Ingliż. Kif dawn jibbiesu, il-figura sħiħa tingħata mas-seba' kisjiet ta' ġibs verġni u wara tiġi xkatlata biex tiġi aktar fina.

L-aħħar proċess huwa dak taż-żebgħa. L-istatwarju jagħti ż-żebgħa lill-istatwa sakemm fl-aħħar tkun lesta bid-dettalji kollha tagħha.

## Il-wirt li ħallielna

Carlo Darmanin ħadem bosta statwi sbieħ iżda wieħed ma jistax ma jsemmiex li dan l-artist kien l-awtur ta' ħames statwi Titulari li għadna ingawdu il-ġmiel ta' tlieta minnhom sal-ġurnata tal-lum.

Fl-1863 Carlo kien lesta għar-raħal ta' Sannat f'Għawdex statwa ta' Santa Margerita. Din kienet turi lill-qaddisa waqt il-martirju tagħha u għalhekk kien hemm partijiet minn ġisimha jidhru. L-Isqof ta' Għawdex Mons. Camilleri dehrlu li kienet xi ftit skullata u għalhekk ipprofanaha. Fl-1891 saret oħra flokha mid-ditta f'Marsilja fi Franza,

*Gallard et Fils Statuarie*. Wara l-wasla ta' din il-vara l-ġdida, ta' Darmanin ġiet imwarrba fil-bini tal-kampnar tal-knisja parrokjali sa ma nqerdet kważi għal kollox ħlief ir-ras li spiccat għand l-istatwarju Għawdxi Wistin Camilleri.

Dun Salvatore Parnis, kappillan ta' Ħal-Lija kien nieda konkors fost l-artisti Maltin ta' dak iż-żmien, sabiex iħejju abbozz għal-statwa li turi it-Trasfigurazzjoni ta' Kristu. Carlo kien daħal għal din il-kompetizzjoni u kien għamel mudell li kien juri sitt figuri: Ġesu`, Mose`, Elija u l-appostli Pietru, Ġakbu u Ġwanni. Minħabba id-dimensjoni tal-knisja l-artist ġie mitlub jagħmel abbozz ieħor fejn tħallew barra il-figuri tat-tlett Appostli li ġew inklużi bħala basso riliev fil–pedestal. L-ewwel mudell illum għadu jista' jidgawda fil-mużew tal-knisja ta' Ħal-Lija, It-tieni mudell li fuqhu issawret l-istatwa tas-Salvatur kien inxtara minn missier wieħed saċerdot mill-istess raħal u wara għadda għand Dun Edwin Sammut. Sa l-1984 din l-istatwa kienet propjeta' ta' Richard Vella minn tas-Sliema. L-istatwa tas-Salvatur kif nafuha illum kienet tlestiet fl-1864 u swiet mitt lira Sterlina. L-aħħar restawr li sar fuq din l-istatwa kien fl-1983 mill-istatwarju Għawdxi, Michael Camilleri Cauchi.

Carlo Darmanin kien ħejja l-istatwa ta' San Leonardu, għal Ħal-Kirkop fl-1877, din illum tinstab fis-sagristija minħabba li fl-1949 inħadmet oħra fl-Italja, din id-darba imnaqqxa fl-injam u mhux tal-kartapesta bħal l-ewwel waħda li tabilħaqq ma kienetx tagħmel għajb lill-vara l-ġdida.

L-istatwa ta' San Gejtanu flimkien mal-Madonna u l-Bambin, li tinstab fil-knisja parrokjali tal-Ħamrun hija ukoll statwa sabiħa ta' dan l-istatwarju. L-istoriku Pietru Pawl Castagna jgħidilna li din l-istatwa kienet tlestiet fl-1885 u kienet swiet ħamsa u għoxrin lira Sterlina.



L-aħħar statwa titulari li kien ħadem Darmanin hi dik tal-patrun tagħna San Ġiljan, u kienet ġiet imħallsa minn Salvatore Mattei mill-Belt u li kellu post ta' vileġġjatura f'San Ġiljan. L-istatwa damet tinħadem madwar 9 xhur. Il-Kuntratt kien sar nhar id-19 t'Ottubru 1892 minn nutar Michele Luigi Casolani fid-dar tas-sur Mattei, li kienet iġġib in-numru 36, Strada Reale. Dan il- kuntratt kien iffirmat mill-kappillan, Dun Ġużepp Xerri, minn Salvatore Mattei benefattur, mill-istatwarju Carlo Darmanin, u mix–xiehda Agostino Zerafa u Giuseppe Monreal. Din l-istatwa jingħad li kienet swiet sitta u għoxrin lira Sterlina. L-istatwa tlestiet u twasslet fil-knisja parrokkjali fit-13 ta' Awwissu 1893.

## Xogħolijiet oħra

Minbarra l-vari titulari li għadna kemm semmejna, l-isem ta' Carlo Darmanin għandu rabta ma' diversi vari sbieħ tal-Ġimgħa l-Kbira. Ma jistax wieħed ma jsemmiex b'mod partikolari il-vara ta' Kristu fl-Ort li kienet inħadmet għall-knisja parrokkjali ta' Bormla fl–1878. Din hija opra stupenda fost l-aqwa xogħolijiet li qatt ħargu minn idejn dan l-artist. Hawn insibu lil Kristu, mixħut fl-art ikkonfortat minn żewġ anġli. L-espressjoni tal-uċuh sbieħ kif ukoll l-armonija u bilanċ fil- kompożizzjoni jqanqlu devozzjoni kbira fost dawk li jieqfu jimmeditaw quddiema u jirifletttu fuq dik it-trawma li għadda minnha Kristu. Sett tradizzjonali tal-vari tal-Ġimgha l-Kbira kien f'dak iż-żmien jikkonsisti fi tmin stazzjonijiet; kien Carlo Darmanin li daħħal għall- ewwel darba il-vara tal-Bewsa ta' Ġuda. Din l-istatwa kienet tlestiet għal knisja ta' San Ġorg f'Hal Qormi fl-1903 u baqgħet unika fil-gżejjer tagħna sal-1962 meta iżżanżnet vara simili fil-parroċċa taż-Żejtun, xogħol l-istatwarju Angelo Capoccia minn Lecce fl-Italja.

Jekk nissoktaw insemmu l-istatwi li ħarġu minn idejn dan l-artist nieħdu fit-tul, l-aktar jekk nieqfu biex nagħmlu analiżi tar-reqqa li biha gie esegwit ix-xogħol. Carlo kien jaħdem għal qalbu meta kien ikun mitlub jittratta suġġett Marjan. Xiehda ta' dan huwa in-numru sabiħ ta' statwi tal-Madonna li ħadem tul il-medda tas-snin. Taħt it-titlu tar–Rużarju, għamel dawk ta' Ħad-Dingli; il-Mellieħa, Ħal-Qormi; Ħal-Għaxaq; Tas-Sliema; iż-Żurrieq; in-Naxxar; il-Qrendi u fil-parroċċa tagħna ta' San Ġiljan. Kien ittratta ix-xbiha tal-Madonna taħt titli oħrajn għal diversi knejjes oħrajn. Wieħed ma jistax ma jsemmix il-vara sabiħa tal-Madonna ta' Lourdes li tinstab fil-knisja tal – Qrendi. Din kienet inħadmet għoxrin sena biss wara li l-Madonna kienet dehret lil Bernardette. Dun Pietru Pawl Xuereb kien għamel l-ewwel purċissjoni biha fl-1878.

## Twajjeb u Umli

Bħala karattru, Karlu Darmanin kien bniedem twajjeb u umli. Kien bniedem irrispettat, l-aktar minħabba dawn il-kwalitajiet sbieħ tiegħu. Kien bniedem venerabbli mhux biss għall-għomor sabiħ li l-Mulej għoġbu jagħtih imma wkoll għall-onestà tiegħu. Fl-1896, l-Avukat tal-Kuruna faħħar pubblikament il-kwalitajiet sbieħ ta' Karlu Darmanin, fosthom il-karattru ġentili tiegħu. Kien imfisser bħala raġel kwiet u tad-dover tiegħu.



*L-istatwa fuq il-pedestall l-antik*

## Il-mewt ma taħfirha lil ħadd

Il-mara ta' Karlu mietet f'Santa Venera fit-23 t'Awwissu tas-sena 1897 propju fis-1.30 ta' wara nofsinhar fl-għomor ta' 64 sena. Difnuha fil-qabar tal-familja fil-kennierja tal-knisja parrokkjali ta' Ħal Għaxaq.

Karlu Darmanin miet il-Ħamrun, numru 290 fi Triq Strada Irjali, fejn għex il-biċċa l-kbira ta' ħajtu fl-età ta' 84 sena fis-26 ta' Novembru 1909, propju tnax -il sena wara l-mewt tal-mara tiegħu. Miet fid-dar tiegħu tard filgħaxija wara li tah attakk tal-qalb. Kienet il-gazzzetta Malta tad-29 t' Novembru 1909 li ħabbret il-mewt tal-istatwarju tassew magħruf u rinomat.

Din il-gazzetta rrapurtat hekk: *Giovedi scorso al Ħamrun verso le ore 10.30 di sera, l'anima al suo creatore il rinomato artista in plastica e famoso statuario, Signor Carlo Darmanin nella veneranda eta' di 85 anni.* Fil-fatt eżattament kellu ftit inqas minn 85 sena.

Indifen fil-qabar ta' din il-konfraternità ghax kien fratell ittesserat f'din il-fratellanza. Kien fratell attiv u ma tantx kien ifalli għal-laqgħat li kienu jsiru għall-membri ta' din il-fratellanza. Il-qabar qiegħed Div. Punente, Sezzjoni K, Kimpartamento A.

Id-difna saret fit-8 ta' filgħodu ta' nhar is-27 ta; Novembru. Hu kien it-80,249 li ġie midfun fiċ-ċimiterju tal-Adolorata. Hija tassew sfortuna li m'hemm l-ebda tifkira fuq qabru. Ġewwa Malta nsibu xi postijiet li hemm toroq imsemmija għalih fosthom ġewwa Ħal Lija, il-Mosta, il-Ħamrun, il-Qrendi u Ħal Kirkop.





*Aktar kapolavuri ta' Karlu Darmanin - San Gejtanu (Ħamrun), Is-Salvatur (Ħal Lija)*



*il-Madonna tar-Rużarju (San Ġiljan)*